# Kumitat Amministrattiv FLEUR-DE-LYS

## Kunsill Lokali Birkirkara

Minuti tal-ħdax -il laqgħa tat-Tieni Kumitat Amministrattiv ta' Fleur-de-lys li saret fl-uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill Lokali ta' Birkirkara nhar it-Tnejn 31ta' Awwissu 2015, **fil-5.00 p.m.**

**Il-Membri**

| | |
|---|---|
| **Chairperson tal-Kumitat Amministrattiv Ta' Fleur-de-lys** | Dott. Francesca Zarb |
| **Membri tal-Kumitat Amministrattiv** | Is-Sur Lino Camilleri (Assent Skużat) |
| | Is-Sur Anthony Gatt (~~Assent Skużat~~) (Preżenti) |
| | Is-Sinjura Helen Montebello |
| **Sindku tal-Kunsill Lokali Birkirkara** | Is-Sinjura Joanne Debono Grech (Assenta Skużata) |

**L-Uffiċċjal**

| | |
|---|---|
| **Segretarju Ezekuttiv** | Neil Spiteri |

Għall-ħdax -il laqgħa tal-Kumitat Amministrattiv kienu preżenti Dott. Francesca Zarb, is-Sur Lino Camilleri, u s-Sinjura Helen Montebello.

Għal din il-laqgħa ma kienx hemm preżenza tal-pubbliku.

1. **Talba**

   Il-laqgħa bdiet billi ċ-*Chairperson*, Dott. Francesca Zarb qalet it-talba.

2. **Approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgħa Numru 10**

   Il-minuti ta' l-10 laqgħa tqassmu ma' l-aġenda u ttieħdu bħala moqrija. Ma kienx hemm korrezzjonijet. Iċ-*Chairperson* Dott. Francesca Zarb pproponiet li l-minuti jiġu approvati mill-membri. Is-Sur Anthony Gatt ssekonda u l-minuti ġew approvati b'mod unanimu.

3. **Kunsiderazzjonijiet u affarijiet li jirrizultaw mill-minuti.**

3.1 Dott. Francesca Zarb qalet li ma kelliex updates dwar minuti 5.1, 5.3, 5.4, 5.6 u talbet lis-Segretarju Eżekuttv ġdid jieħu ħsieb dawn l-issues.

4. ***Handover* dwar il-Ħidma tal-kumitat Amministrattiv ta' Fleur de Lys**

4.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ġdid Neil Spiteri tlaqqa' mal-membri tal-Kumitat u ngħata *handover* mill-eks Segretarju s-Sur Arthur Pizzuto. Il-membri rringrazzjaw lis-Sur Pizzuto tas-servizz li ta f'dawn l-aħħar snin.

5. **Laqgħa Pubblika**

5.1 Ġie deċiż b'mod unanimu illi l-Laqgħa Annwali ta' Fleur de Lys issir nhar il-Ħamis 8 ta' Ottubru 2015 fis-7pm. Is-Segretarju Eżekuttiv jieħu ħsieb joħroġ l-avviż hekk kif rikjest mil-liġi.

6. **Ġieħ Fleur de Lys**

6.1 Rigward Ġieħ Fleur De Lys, iċ-*Chairperson* Dott. Francesca Zarb ssuġġeriet tibdil fir-regoli fejn ma jistax jiġi nominat persuna li tkun diġa' ħalliet din id-dinja. Il-Kumitat Amministrattiv iffissa s-Serata għal Ġieħ Fleur de Lys għal nhar il-Ġimgħa 20 ta' Novembru fis-7.30pm.

7. Aġġornament

Il-laqgħa spiccat fil-5.40 p.m u ġiet aġġornata għal nhar il-Erbgħa, 30 ta' Settembru 2015, fil-5.00 p.m. fl-uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali ta' Birkirkara.

Dott. Francesca Zarb

Chairperson

Neil Spiteri

Segretarju tal-Kumitat Amministrattiv